# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur Dr. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, 21 ta' Mejju, 2025

Avviz tat-Talba numru: 38/2024 CL

**Atlas Insurance PCC Limited (C5601) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Maria Dolores Magro u l-istess Maria Dolores Magro (KI nru: 0160368M)**

**VERSUS**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

Ra t-talba li giet ipprezentat fit-22 ta' Frar 2024 fejn is-socjeta rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited talbet sabiex il-konvenut jigi ddikjarat unikament responsabbli ghal-incident u ghad-danni subiti u jordna lil konvenut jhallas is-somma komplessiva ta' tlett elef erba' mija u ghoxrin euro (€3,420). Liema somma tirraprezenta d-danni kollha sofferti minn Maria Dolores Gauci, assikurata mas-socjeta rikorrenti Atlas Insurance PCC Ltd u li ghalihom kelllha taghmel tajjeb fl-ammont ta' €3,170 filwaqt illi l-assigurata halset l-ammont ta' €250 bhala policy excess. Id-danni gew ikkagunati in segwitu ta' incident illi sehh fid-9 ta' Lulju 2022 fi Triq il-Belt, Valletta, Zurrieq kif jidher fir-rapport tal-pulizija Dok A, waqt illli Keanna Magro kienet qieghda ssuq il-vettura bin-numru DCI 702 ta' Maria Dolores Magro fl-isemmija triq, sabet barrier tal-pulzija li kienet qieghda tostakola t-triq li ma kellhiex s-senjaletika appozita u ghalhekk ma kinitx vizibbli ghall-utenti tal-istess triq. Minhabba f'hekk kienet kostretta twettaq manuvra evaziva li waslitha sabiex tahbat gol-hajt bil-konsegwenza li l-vettura minnha misjuqa garbet hsarat kif jidher fis-survey report Dok B ghal-liema hsarat huwa responsabbli l-konvenut.

Ra ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn it-talbiet kienu ikkontestati bhala infondata fil-fatt u fid-drit,ikkontestata, apparti l-indkazzjoni tax-xhieda bhala persuni ohra li kienu involuti f'incident simili bhala mhux permissibbli bil-ligi . Ghandha tigi ipprezentata prova li Keanna Magro kienet koperta mill-polza tal-assikurazzjoni. Illi l-barrier li kienet prezenti fi Triq il-Belt, Valletta, Zurrieq fid-9 ta' Lulju 2022 kienet immarkata bhala barrier tal-pulizija li kienet vizibbli ghal min kien qieghed jsuq ghax fl-istess triq hemm dawl li jiixghel matul il-lejl u ghalhekk il-konvenut ma kellu ebda tort. L-allegat danni sofferti mill-atturi huma

rizultat ta' traskuragni u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Keanna Magro. Salv eccezjonijiet ulterjuri, bl-ispejjez.

Fit-12 ta' Gunju 2024 giet ipprezentata l-affidavit ta' Kristine Azzopardi, li hija executive fi hdan il-Motor Claims Department tas-socjeta attrici u kienet responsabbli li tiprocessa l-claim ta' Maria Dolores Magro Dok AIL2 , wara incident fejn Keanna Magro kienet qieghda ssuq il-vettura DCI-702 li kienet tkopriha taht il-polza kif jidher Dok AIL1. Waqt illi Keanna Magro kienet qieghda ssuq fi Triq il-Belt Valletta ghal habta tal-10.45pm fid-dlam, ipprovat tevita barrier li ma kienx vizibbli ghaliha fid-dlam u li kienet tqieghdet f'nofs triq minghajr indikazzjoni bil-konsegwenza li baqghat diehla gol-hajt bil-vettura u garbet hsarat sostanzjali.Is-socjeta attrici inkarigat lil Brady Micallef li spezzjona l-hsarat fl-14 ta' Lulju 2022 skond is-survey report Dok B u l-vettura giet iddikjarata bhala total loss u b'hekk is-socjeta attrici halset lil assikurata taghha l-ammont ta' €3300 u l-assikurata zammet il-wreck u halset ukoll €120 ghal-irmonkat tal-vettura Dok AIL4. Kopja tad-discharge and subrogation form Dok AIL 3. L-assikurata halset €250 excess. Minkejja li gew skambjati diversi ittri legali mal-Kummissarji tal-Pulizija li irrispondew semplicement b'acknowledgement. Fid-29 ta' Lulju 2023, s-socjeta attrici ipprezentat ittra ufficjali Dok AIL5 ghal liema il-konvenut baqa' ma wegibx.

Gew ipprezentati zewg affidavits ta' Keanna Magro[1] u Maria Dolores Magro[2]. Keanna Magro iddikjarat illi fid-9 ta' Lulju 2022 kienet qieghda ssuq il-vettura Daihatsu Boon bin-numru ta' registrazzjoni DCI-702 fit-Triq il-Belt Valletta, Zurrieq direzzjoni l-barra miz-Zurrieq ghal habta tal-10.30pm u indunat bil-barrier tal-pulizija ftit sekondi qabel ma waslet maghha u ipprovat tiskapola u dawret l-isteering lejn il-lemin, li konsegwenza taghha habtet fil-bankina, tabella u l-hajt kif jidher fir-ritratt KM1. Ghalkemm il-vettura hija ta' ommha, Maria Dolores Magro il-polza tal-assikurazzjoni kienet tkopri lilha ukoll.Il-barrier ma kinitx tidher u ma kellhiex dawl fuqha biex jigbed l-attenzjoni tas-sewwieq. Kif habtet kien mar pulizija jaghtiha l-ghajnuna li kien fuq il-post u meta qaltlu li habtet minhabba fil-barrier hu ressaq il-barrier aktar 'l barra. Sakemm cemplet lil ommha innutat li kien hemm sewwieq iehor li baqa' diehel fil-barrier kif jidher fir-ritratt KM2 u sewwieq iehor li mess ukoll il-barrier sakemm in-nies li ingabru bdew jigbdu l-attenzjoni lis-sewwieqa. Saqsiet lil pulzija ghalfejn il-barrier kien bla dawl u l-pulizija wiegibha fil-prezenza ta' ommha, illi ma kellhomx rizorsi bizzejjed biex jahdmu u li kien bezghan li jaqla' daqqa jekk joqghod wara l-barrier.Il-karozza ma kinitx tinstaq u kellhom jsejhu tow truck u l-karozza kienet giet ikklasifikata bhala total loss. L-ghada tal-incident marret taghmel rapport u ommha kienet fethet il-claim. Fil-kontro ezami tghid illi l-barrier kien griz u ratu xi 4 metri qabel u dawret l-isteering biex tipprova tiskapola u indunat li kienet tal-pulizija ghax kien hemm pulizija mal-barrier ghax kienu ghadhom kemm ghalqu t-triq. Hi ma kinitx ghaddejja ssuq hanfa bejn 60 u 70 u ma tafx jekk fit-triq kien hemm xi speed limit. Hi ikkonfermat li hi kienet hadet ir-ritratti wara l-incident u l-pulizija kien qalilhom li ma kellhomx biex jahdmu jew jaghmlu bozza mal-barrier. Fit-triq kien hemm arbli tad-dawl imma ma tantx kienu juru dawl. Hi ikkonfermat illi kien hemm zewg karozzi ohra li ukoll habtu fil-barrier kif jidher

[1] Foll 42
[2] Foll. 47

fir-ritratti a foll. 33 fejn l-barrier tidher mal-art li immarkat b'circu u rat karozza tahbat fil-barrier u l-barrier jtir, fil-fatt fl-istess ritratt it-triq tidher mudlama u l-uniku dawl li hemm hija tal-karozza li habtet mal-arblu. Hi ma tiftakarx minn kien il-pulizija li kien hemm meta kellha l-incident ghalkemm kienet hadet id-dettalji tieghu dakinhar.

Maria Dolores Magro iddikjarat illi hija omm Keanna Magro u sid il-vettura Daihatsu Boon DCI-702 u ikkonfermat illi wara li waslet fuq il-post tal-incident Keanna saqsiet lil pulizija ghalfejn il-barier kien bla dawl u l-pulizija wiegeb illi ma kellhomx rizorsi bizzejjed biex jahdmu u li kien bezghan li jaqla' daqqa jekk joqghod wara l-barrier.Il-karozza ma kinitx tinstaq u kellhom jsejhu tow truck u l-karozza kienet giet ikklasifikata bhala total loss. Hi kienet hadet hsieb biex tiftah claim mal-Atlas peress illi l-polza kienet f'isimha u fethet claim fejn kellha thallas €250 bhala excess. Hi kienet koperta *fully comprehensive* u thalset l-ammont ta' €3,300 peress illi l-vettura ma kinitx tissewwa.

Xehed PC1513 Stefan Cutajar[3] xehed illi hu kien stazzjonat l-ghassa ta' Hal-Qormi u fl-10 ta' Lulju 2022 kienu marru Keanna Magro li kienet involuta f'incident fid-9 ta' Lulju 2022 ghal-habta tal10.45pm bil-vettura bin-numru DCI-702 flimkien ma' ommha li kienet s-sid tal-karozza. L-incident sehh fit-Triq il-Belt Valletta, Zurrieq fejn sabet barrier fi triqtha u biex tevitha baqghet diehla fil-hajt fejn garbet hsarat. Hu kien informa l-ghassa taz-Zurrieq. Hu ma kienx jaf xejn dwar il-barrier msemmija, jew min kien il-pulizija li kien prezenti mal-barrier, izda hemm ufficju li jkollu l-lista tal-barriers u fejn jitpoggew u s-Supretendent jiehu hsieb dawn l-affarijiet peress illi Hal-Qormi u Zurrieq huma distrett wiehed. Dak iz-zmien kien is-Supretendent Galea Scannura tad-distrett. Xehed Brady Micallef[4] li kien ilu surveyor mal-Atlas Insurance ghal seba' snin u ikkonferma li kien ghamel spezzjoni fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DCI-702 u kien hejja rapport li ikkonferma li kienet giet ipprezentata bhala Dok B u tinsab a foll 6 et seq, fejn il-vettura kienet garbet hsarat fuq quddiem u fuq il-lemin fejn kollox resaq lura,(kif jidher fir-ritratt wara foll.10) hsarat fil-mekkanika, ix-xoghol ta' workmanship, parts u loss of use. Peress illi l-vettura kienet assikurata €4,500, kienu waslu f'settlement ta' €3,300 u il-klijenta zzomm il-vettura, flokk jsewwu, ghax il-salvage wreck giet stmata fl-ammont ta' €450. Hi kienet marret tispezzjona l-vettura fil-wied ta' Hal-Qormi ghax ma setghetx timxi fl-14 ta' Lulju 2022 u l-vettura kienet tidher li kienet inzammet f'kundizzjoni tajba.

Giet ipprezentata l-affidavit tas-Superintendent Christopher Galea Scannura[5] fejn iddikjara illi fl-10 ta' Lulju 2022 kien sar rapport l-ghassa ta' Hal Qormi minghand Keanna Magro dwar incident li sehh il-gurnata qabel fejn kienet ghaddejja bil-vettura DCE-702 mit-Triq il-Belt Valletta, Zurrieq fejn f'daqqa wahda sabet barrier quddiemha u biex tipprova tiskapolha habtet fil-hajt u l-vettura garbet hsarat. Fiz-zmien tal-incident kien is-Supretendent taz-Zurrieq u Hal-Qormi li jaqghu taht l-istess distrett u ghamel stharrig mill-file tal-pulizija fejn ma irrizultax illi kien hemm xi incidenti ohra fl-istess triq fid-data tal-incident. Illi mill-harsa tal-pozzizjoni tat-triq tidher illi l-barrier kienet go triq dritta vizzibbli mill-boghod. Irrizulta li l-barrier ma kellux dawl izda dan ma jnehhiex mill-

[3] Foll. 48
[4] Foll. 51
[5] Foll. 56

obbligu tas-sewwieq li jzomm a proper look out, ghax li kieku zammet a proper look out kienet twaqqaf il-vettura u tevita l-impatt.Il-fatt li l-vettura garbet hsarat konsiderevoli ifisser li l-velocita' li kienet ghaddejja biha l-vettura kienet notevoli u b'hekk il-Kummissarju m'ghandux jinzamm responsabbli.

**Ikkonsidrat**

Illi mill-atti jirrizulta illi Keanna Magro kienet ghadejja fi Triq il-Belt, Valletta nhar id-9 ta' Lulju 2022 fil-10.45pm meta sabet barrier tal-pulizija quddiemha u ghalkemm ipprovat tiskapola habtet fil-hajt konsegwenza ta' din il-barrier li kienet f'nofs it-triq mudlama u minghajr sijnali. Il-vettura garbet hsarat kbar tant illi l-karozza giet ikklassifikata bhala total loss.Is-socjeta attrici halset lil konvenuta s-somma ta' €3300 u zammet il-wreck ghax il-vettura kienet assikurata ghal-ammont ta' €4,500. Illi mill-provi irrizulta illi l-barrier kienet tal-pulizija u tpoggiet fit-triq minghajr ma kien hemm dawl biex jigbdu l-attenzjoni tas-sewwieqa. Fil-fatt skont Keanna Magro kien hemm vettura li habtet mal-vettura u vettura ohra li messet mal-barriera. It-Tribunal ghalhekk qieghed jsib li l-Kummissarju kien responsabbli ghal-incident stante li ghamel barrier minghajr ma xeghelu u ghalhekk is-sewwieqa ma setghux jindunaw bih qabel ma jaslu vicin wisq. Min-naha l-ohra is-sewwieqa tidher li kienett ghaddejja bil-velocita konsiderevoli tant illi ma setghetx tikkontrolla l-vettura ghax ma l-impatt ma kinitx ser igarrab l-hsara li fil-fatt kien hemm, bhal fil-fatt gara fil-vettura l-ohra li habtet mal-barriera u tajritha.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jsib il-Kummissarju tal-Pulizija responsabbli ghal 2/3 mid-danni sofferti mis-socjeta attrici u b'hekk jorda lil-konvenut jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €2,280,  izda jsib li kien hemm negligenza kontributtorja tas-sewwieqa u ghalhekk is-socjeta attrici ghandha tbatti 1/3 mid-danni soferti  li jammontaw ghal €1,140. L-ispejjez tal-kawza u tal-ittra ufficjali 2403/23 ghandhom jithalsu ukoll 2/3 mill-konvenut u 1/3 mis-socjeta attrici.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**